**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-GIMGHA 15 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 1822/01AE**

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-Kumpannija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Fabio Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) pagabbli bhala *excess* taht il-polizza ta' assigurazzjoni li kellu l-konvenut mas-socjeta attrici, peress li hija hallset id-danni li kkaguna fil-vettura numru DA) 393 meta kien involut f'incident tat-traffiku li sehh fl-1 ta' Marzu 2000 gewwa Naxxar Road, Birkirkara.

Ra li l-konvenut ghalkemm jirrizulta li huwa notifikat skond ir-riferta tal-marixxall tal-Qorti, ma deherx fis-seduta tal-lum u lanqas ma jirrizulta li kkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) kif fuq spjegat.

L-ispejjez kollha (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**